bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana)
vs
Elton Caruana, iben
Anthony, imwieled
il-Canada fil-25 ta'
lulju, 1975

Illum, 23 ta' mejju, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fil-Ħamrun, fil-5 ta' april, 2001 ikkometta serq ta' compact VHS cam-
corder mill-fond 'Movies', Triq San Ġiusepp, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' John Azzopardi;
2. talli fis-6 ta' april, 2001, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta xjente-
ment laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati
b'reat sew jekk dan sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli kkometta r-reat, li għalih hemm il-piena tal-priġunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta' marzu, 1999.
4. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-10 ta' novembru, 1998 liema sentenza saret definittiva u ma tistaz tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-23 ta' mejju, 2001 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' mejju, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100). Inoltre, dwar it-tielet akkuża, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' marzu, 1999 jiġi estiż u ikun ta' tlett snin oħra dekoribbli mil-lum stess.